

DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Frar 2012

dwar ir-rikonoxximent ta' Polski Rejestr Statków S.A. (Ir-Reġistru Marittimu Pollakk) bħala soċjetà ta' klassifikazzjoni għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 431)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/66/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE (⁽¹⁾), u partikolarmen l-Artikolu 10 (1) u l-Parti II tal-Anness VII tagħha,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-boatmasters nazzjonali għat-trasportazzjoni ta' merkanzija u ta' passiġġieri permezz ta' passaġġi interni fuq l-ilma (⁽²⁾).

Billi:

- (1) Bl-ittra tat-3 ta' Lulju 2008 il-Polonja ppreżentat applikazzjoni lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent ta' Polski Rejestr Statków S.A (minn issa 'l quddiem imsejjaħ PRS) bħala soċjetà ta' klassifikazzjoni skont it-tifsira tad-Direttiva. Il-PRS għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fil-Polonja.
- (2) Flimkien mal-applikazzjoni tagħha l-Polonja ppreżentat l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa biex ikun aċċertat li ntlaħqu l-kriterji tar-rikonoxximent.
- (3) Ġiet organizzata seduta fil-laqgħa konġunta tal-esperti mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u mill-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Rhine (minn issa 'l quddiem "CCNR") dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-basti-

menti tal-passaġġi fuq l-ilma interni f'April 2009, li matulha l-awtorità tal-Polonja u l-PRS taw preżentazzjonijiet.

- (4) Is-segretarjat tas-CCNR ġie kkonsultat kif imsemmi fil-Parti II il-paragrafu 4 tal-Anness VII għad-Direttiva 2006/87/KE.
- (5) Il-Kummissjoni vvalutat il-konformità ta' PRS mal-kriterji fil-Parti I tal-Anness VII għad-Direttiva 2006/87/KE u kkonkludiet li PRS tilħaq dawn il-kriterji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Is-soċjetà ta' klassifikazzjoni PRS għandha tiġi rikonoxxuta skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/87/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istat(i) Membri(i) li għandu/ għandhom il-passaġġi interni fuq l-ilma kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/87/KE u lill-Polski Rejestr Statków (Ir-Reġistru Marittimu Pollakk), al. gen. J. Hallera 126, 80-416 Gdańsk, il-Polonja.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2012.

Għall-Kummissjoni

Siim KALLAS

Viċi President

⁽¹⁾ ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 373, 31.12.1991, p. 29.